

**DEĊIŻJONI (UE) 2016/2164 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW****tat-30 ta' Novembru 2016****dwar l-approvazzjoni tal-volum ta' ħruġ ta' muniti fl-2017 (BĊE/2016/43)**

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 128(2) tiegħu,

Wara li ra d-Deċiżjoni (UE) 2015/2332 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-4 ta' Diċembru 2015 dwar il-qafas proċedurali għall-approvazzjoni tal-volum ta' ħruġ ta' muniti tal-euro (BĊE/2015/43) <sup>(1)</sup> u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tagħha,

Billi:

- (1) Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) għandu d-dritt esklussiv mill-1 ta' Jannar 1999 biex japprova l-volum ta' muniti maħruġin mill-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.
- (2) Id-19-il Stat Membru li l-munita tagħhom hija l-euro ppreżentaw lill-BĊE t-talbiet tagħhom għall-approvazzjoni tal-volum ta' muniti li għandhom jinħarġu fl-2017, flimkien ma' noti spjegattivi dwar il-metodoloġija tat-tbassir. Uħud min dawn l-Istati Membri pprovdew ukoll informazzjoni addizzjonali dwar muniti fiċ-ċirkolazzjoni, fejn din l-informazzjoni hija disponibbli u kkunsidrata importanti mill-Istati Membri kkonċernati biex tiġi ssostanzjata t-talba għall-approvazzjoni.
- (3) Peress li d-dritt tal-Istati Membri li joħorġu muniti tal-euro huwa suġġett għall-approvazzjoni mill-BĊE tal-volum tal-ħarġa, il-volumi approvati mill-BĊE m'għandhomx jinqabżu mill-Istati Membri mingħajr approvazzjoni minn qabel mill-BĊE,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1***Approvazzjoni tal-volum ta' muniti tal-euro li għandhom jinħarġu fl-2017**

Il-BĊE b'dan japprova l-volum ta' muniti tal-euro li għandhom jinħarġu mill-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro fl-2017, kif stabbilit fit-tabella li ġejja:

*(EUR miljun)*

	Volum ta' muniti euro approvati għall-ħruġ fl-2017		
	Muniti fiċ-ċirkolazzjoni	Muniti għall-kollezzjonisti (mhux intiżi għaċ-ċirkolazzjoni)	Volum ta' ħruġ ta' muniti
Il-Belġju	51,0	1,0	52,0
Il-Ġermanja	419,0	219,0	638,0
L-Estonja	9,7	0,3	10,0
L-Irlanda	30,7	0,8	31,5
Il-Greċja	106,3	0,6	106,9
Spanja	359,3	30,0	389,3
Franza	224,3	51,0	275,3
L-Italja	94,2	1,8	96,0

<sup>(1)</sup> ĠUL 328, 12.12.2015, p. 123.

(EUR miljun)

	Volum ta' muniti euro approvati għall-ħruġ fl-2017		
	Muniti fiċ-ċirkolazzjoni	Muniti għall-kollezzjonisti (mhux intiżi għaċ-ċirkolazzjoni)	Volum ta' ħruġ ta' muniti
Ċipru	14,0	0,1	14,1
Il-Latvja	16,3	0,3	16,6
Il-Litwanja	30,0	0,3	30,3
Il-Lussemburgu	17,7	0,2	17,9
Malta	10,2	0,2	10,4
Il-Pajjiżi l-Baxxi	25,0	4,0	29,0
L-Awstrija	87,2	181,8	269,0
Il-Portugall	62,0	3,0	65,0
Is-Slovenja	24,0	2,0	26,0
Is-Slovakkja	15,6	1,4	17,0
Il-Finlandja	35,0	10,0	45,0
Total	1 631,5	507,8	2 139,3

*Artikolu 2***Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tan-notifika tagħha lid-destinatarji.

*Artikolu 3***Destinatarji**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.

Magħmula fi Frankfurt am Main, it-30 ta' Novembru 2016.

*Il-President tal-BĊE*

Mario DRAGHI